**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 26 TA' MARZU, 2002**

**Numru: 33**

**Avviz Nru: 91/02 AE**

**Gasan Enterprises Limited**

**Vs**

**Mario u Rita konjugi Seychell**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf u hamsa u sittin lira Maltija u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm1,065.24), import ta' hdax-il kambjala li mmaturaw kif indikat fl-avviz tat-talba.

Ra li l-konvenuti ghalkemm debitament notifikati naqsu milli jikkontestaw il-kawza u milli jidhru ghas-seduti tat-12 ta' Marzu 2002 u tal-lum.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta attrici (li giet ukoll guramentata) li permezz taghha rriduciet it-talba taghha bis-somma ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300) u zammet ferm it-talba ghall-hlas tas-somma ta' sebgha mija u erbgha u sebghin lira Maltija u tnejn u sebghin centezmu (Lm774.72).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' sebgha mija u erbgha u sebghin lira Maltija u tnejn u sebghin centezmu (Lm774.72), bl-imghax mid-data li mmaturat kull wahda mill-kambjali li ghadhom ma thallsux.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**